**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Korkein hallinto-oikeus (il-Finlandja) fit-28 ta' Mejju 2020 – B Oy**

**(Kawża C-223/20)**

(2020/C 262/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* B Oy

*Konvenut:* Veronsaajien oikeudenvalvontayksikkö

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 92/83/KEE [1] għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru li, konformement ma' dan l-artikolu, japplika rati ta' sisa mnaqqsa fuq il-birra prodotta fil-birreriji indipendenti ż-żgħar, għandu japplika wkoll id-dispożizzjoni, stabbilita fit-tieni sentenza tal-Artikolu 4(2) ta' din id-direttiva, li tirrigwarda dik li tissejjaħ it-taxxa komuni fuq il-birreriji ż-żgħar, jew l-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni għandha titħalla fid-diskrezzjoni ta' dan l-Istat Membru?

2) It-tieni sentenza tal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 92/83 għandha effett dirett?

[1] Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni ta' l-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 206).

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Latvja) fl-4 ta' Ġunju 2020 – SIA "Sātiņi-S" vs Lauku atbalsta dienests**

**(Kawża C-234/20)**

(2020/C 262/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa (Senāts)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SIA "Sātiņi-S"

*Parti oħra fil-proċedura:* Lauku atbalsta dienests

**Domandi preliminari**

1) L-Artikolu 30(6)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005 [1], għandu jiġi interpretat fis-sens li art bil-pit hija kompletament esklużа mill-ħlasijiet taħt Natura 2000?

2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-art bil-pit tagħmel parti miż-żoni agrikoli jew forestali?

3) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista' jeskludi kompletament l-art bil-pit mill-ħlasijiet taħt Natura 2000 u li tali dispożizzjonijiet nazzjonali huma kompatibbli mal-għan kompensatorju ta' tali ħlasijiet previst mir-Regolament Nru 1305/2013?

4) L-Artikolu 30 tar-Regolament Nru 1305/2013 għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru jista' jillimita l-ħlasijiet tal-għajnuna għaż-żoni tan-network Natura 2000 billi jipprovdi għajnuna biss għal-limitazzjoni imposta għal tip speċifiku ta' attività ekonomika, bħal, pereżempju, fiż-żoni forestali, biss għall-attivitajiet forestali?

5) L-Artikolu 30(1) tar-Regolament Nru 1305/2013, moqri flimkien mal-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi interpretat fis-sens li persuna għandha d-dritt, meta jkollha proġetti għal attività ekonomika ġdida, għal ħlas taħt Natura 2000 jekk, fil-mument meta tkun akkwistat il-proprjetà, diġà kienet taf bil-limiti li kienet suġġetta għalihom l-imsemmija proprjetà?

(1) ĠU 2013, L 347, p. 487, rettifika fil-ĠU 2016, L 130, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Latvja) fil-5 ta' Ġunju 2020 – SIA Sātiņi-S vs Dabas aizsardzības pārvalde**

**(Kawża C-238/20)**

(2020/C 262/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Latvjan*

**Qorti tar-rinviju**

Augstākā tiesa (Senāts)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SIA Sātiņi-S

*Parti oħra fil-proċedura:* Dabas aizsardzības pārvalde

**Domandi preliminari**

1) Id-dritt għal kumpens ġust minħabba limitazzjoni tad-dritt għall-proprjetà ggarantit mill-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jippermetti li l-kumpens mogħti minn Stat Membru għat-telf ikkawżat għall-akwakultura f'żona tan-network Natura 2000 għal għasafar protetti konformement mad-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi [1] jkun sinjifikattivament inqas mit-telf realment imġarrab?

2) Il-kumpens mogħti minn Stat Membru għat-telf ikkawżat għall-akwakultura f'żona tan-network Natura 2000 għal għasafar protetti konformemet mad-Direttiva 2009/147 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi, jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikoli 107 u 108 TFUE?

3) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għat-tieni domanda, il-limitu ta' EUR 30 000 tal-għajnuna *de minimis* stabbilit fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 717/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura [2] huwa applikabbli għal kumpens bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali?

(1) ĠU 2010, L 20, p. 7.
(2) ĠU 2014, L 190, p. 45.